EUROPEAN UNION AGENCY FOR FUNDAMENTAL RIGHTS

# NIPPROMWOVU U NIPPROTEĠU D-DRITTIJIET FUNDAMENTALI TIEGĦEK FL-UE KOLLHA



# GĦALIEX HIJA DAQSTANT IMPORTANTI L-KARTA TAD-DRITTIJIET FUNDAMENTALI?

# Il-Karta hija l-"Karta tad-Drittijiet" tal-Unjoni Ewropea.

**L-54 artikolu** li hemm jinkludu d-drittijiet fundamentali li kulħadd igawdi fl-UE. L-artikoli japplikaw għall-UE u għall-Istati Membri kollha, meta jaġixxu fi ħdan il-liġi tal-UE.

Dawn id-drittijiet fundamentali jappartjenu lil kulħadd, kullimkien fl-UE. Dawn jirriflettu l-valuri li fuqhom hija mibnija l-UE: id-dinjità tal-bniedem, il-libertà, l-ugwaljanza u s-solidarjetà. Dawn huma infurzati permezz tad-demokrazija u l-istat tad-dritt.

Il-Karta tirrispetta d-diversità tal-kulturi u tat-tradizzjonijiet fl-Ewropa kollha.

L-UE waqqfet l-Aġenzija, bħala korp indipendenti, biex tiżgura li l-Karta tkun attwata għal kulħadd fl-UE.

# MIN HIJA L-AĠENZIJA TAL-UE GĦAD-DRITTIJIET FUNDAMENTALI (FRA)?



Aħna rikonoxxuti bħala ċentru ta' referenza u ta' eċċellenza uniku u indipendenti għall-promozzjoni u l-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fl-UE.

L-Aġenzija nħolqot biex l-Ewropa ssir post aħjar biex tgħix u taħdem fiha. Aħna ngħinu fid-difiża tad-drittijiet fundamentali tan-nies kollha li jgħixu fl-UE.

Id-drittijiet fundamentali jiddefinixxu l-istandards minimi biex jiġi żgurat li kulħadd jiġi ttrattat b'dinjità.

Aħna ngħinu biex nippromwovu u nipproteġu dawn id-drittijiet, inklużi:

- ★ Id-dritt li wieħed ikun ħieles mid-diskriminazzjoni abbażi tal-età, tad-diżabbiltà jew tal-isfond etniku
- ★ Id-dritt li tiġi protetta d-*data* personali tiegħek
- ★ Id-dritt għall-aċċess għall-ġustizzja.

Il-persunal tagħna jinkludi esperti legali, xjenzati politiċi u soċjali, esperti tal-istatistika, u speċjalisti tal-komunikazzjoni. L-għan tagħna huwa li ngħinu biex titrawwem kultura ta' drittijiet fundamentali fl-UE kollha.

Aħna ninvolvu ruħna mal-partijiet ikkonċernati mil-livell lokali għal dak internazzjonali. It-tim tagħna jikkondividi għarfien u pariri bbażati fuq l-evidenza ma' dawk li jfasslu l-politika u dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet.


X’NAGĦMLU

# Aħna

***niġbru*** u ***nanalizzaw*** il-liġi u d-*data*. Aħna nipprovdu appoġġ u għarfien espert indipendenti u bbażat fuq l-evidenza dwar id-drittijiet fundamentali. Dawn huma minquxa fil-Karta tal-UE għad-Drittijiet Fundamentali.

***naħdmu*** flimkien mal-istituzzjonijiet tal-UE, l-Istati Membri, l-Istituzzjonijiet Nazzjonali tad-Drittijiet tal-Bniedem, Korpi tal-Ugwaljanza u partijiet ikkonċernati oħra, biex titqajjem kuxjenza u nikkomunikaw il-ħsibijiet tagħna.

***ngħinu*** lil dawk li jfasslu l-politika jifhmu kif jistgħu jagħmlu aktar għaċ-ċittadini tagħhom.

FRA
EUROPEAN UNION AGENCY
FOR FUNDAMENTAL RIGHTS

# NIPPROMWOVU U NIPPROTEĠU D-DRITTIJIET FUNDAMENTALI TIEGĦEK FL-UE KOLLHA

# FUQ XIEX NAĦDMU



- L-immigrazzjoni u l-integrazzjoni tal-migranti, il-viżi u l-kontroll tal-fruntieri, u l-ażil
- Is-soċjetà tal-informazzjoni, b'mod partikolari, ir-rispett lejn il-ħajja privata u l-protezzjoni ta' *data* personali
- Aċċess għall-ġustizzja, inkluża l-kooperazzjoni ġudizzjarja
- Il-vittmi tal-kriminalità, inkluż kumpens lill-vittmi tal-kriminalità
- Kull diskriminazzjoni bbażata fuq is-sess, razza, kulur, etniċità jew oriġini soċjali, karatteristiċi ġenetiċi, lingwa, reliġjon jew twemmin, opinjoni politika jew xi opinjoni oħra, l-appartenenza għal minoranza nazzjonali, proprjetà, twelid, diżabilità, età jew orjentazzjoni sesswali
- Ir-razziżmu, il-ksenofobija u l-intolleranza relatata
- L-integrazzjoni tar-Rom
- Id-drittijiet tat-tfal
- Nibnu kultura ta' drittijiet fundamentali fl-UE


Aċċess għall-ġustizzja
Vittmi
Kooperazzjoni ġudizzjarja
Soċjetà tal-informazzjoni
Sigurtà interna
Il-Migrazzjoni
Rom
L-Ugwaljanza
In-nondiskriminazzjoni
It-tfal
In-nies LGBTI
Nies b'diżabilità
Anzjani
L-istat tad-dritt
Il-Karta tal-UE dwar id-Drittijiet Fundamentali
Vjolenza kontra n-nisa
Ir-razziżmu
Reati ta' mibegħda
Diskors ta' mibegħda

# XI JMEXXI X-XOGĦOL TAGĦNA

***Nidentifikaw*** ix-xejriet: niġbru u nanalizzaw *data* komparabbli

***Nappoġġjaw*** tweġibiet ta' politika konformi mad-drittijiet: il-provvediment ta' assistenza u għarfien espert fil-pront

## Aħna naħdmu **b'ħames** modi

***Nikkontribwixxu*** għal tfassil aħjar tal-liġijiet u l-implimentazzjoni: nipprovdu pariri indipendenti

***Nippromwovu*** d-drittijiet, il-valuri u l-libertajiet b'mod effettiv

***Insaħħu*** l-kooperazzjoni mal-atturi nazzjonali u lokali dwar id-drittijiet fundamentali: naħdmu ma' komunitajiet ta' appoġġ


“Id-drittijiet fundamentali huma d-demm tal-ħajja tal-UE. Xogħolna hu li nappoġġjaw il-korpi kollha tal-UE u l-Istati Membri biex jonoraw dawn l-impenji. Fl-aħħar mill-aħħar, neżistu biex ngħinu lil kulħadd fl-UE biex jgħix b’dinjità.”
Michael O’Flaherty
Direttur

FRA
EUROPEAN UNION AGENCY
FOR FUNDAMENTAL RIGHTS

**FRA — L-AĠENZIJA TAL-UNJONI EWROPEA GĦAD-DRITTIJIET FUNDAMENTALI**
fra.europa.eu

facebook.com/fundamentalrights
linkedin.com/company/eu-fundamental-rights-agency
twitter.com/EURightsAgency

© FRA, 2019

Ritratti
© Pexels/Sharon McCutcheon, Rawpixel.com
© Shutterstock/Nadia Grapes
© Unsplash/Oliver Cole

Il-Lussemburgu: L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2019

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea

TK-01-19-638-MT-N ISBN 978-92-9474-688-7 doi:10.2811/731123